MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 57/2007/2

**Intercomp Limited (C 5197)**

**v.**

**Boris Arcidiacono Limited (C 16463) ezercenti n-negozju taht l-isem It-Torri Interiors**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell maghmul mis-socjeta` attrici ["l-attrici"] minn sentenza moghtija fil-25 ta' Marzu 2010 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li permezz taghha dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 [f] tal-Kodici Civili inkwantu ghall-ammont mitlub mill-attrici minghand is-socjeta` konvenuta ["il-konvenuta"] bhala kera ghall-apparat provdut minnha ghall-perjodu bejn April 2004 u Lulju 2005; u ghar-rimanenti parti tal-ammont pretiz cahdet it-talbiet attrici u laqghet l-eccezzjoni fil-meritu bazata fuq il-fatt sostnut mill-konvenuta li *"s-sistema provduta minnha [is-socjeta` attrici] hija difettuza f'diversi aspetti teknici u mhijiex qed taqdi sewwa l-funzjoni li ghaliha hallset il-flus is-socjeta` intimata".*

**Il-Fatti**

**2.** Il-fatti relevanti huma dawn. Bis-sahha ta' skritturi privati intestati *"Agreements for Lease of Equipment"* u skrittura ohra *"Agreement for Maintenance of Software"* l-attrici dahlet fi ftehim mal-konvenuta sabiex tforni lill-istess b'apparat ta' *computer hardware* u *software* gewwa l-fond "Torri Interiors" numru 233 Tower Road, Sliema. L-attrici ssostni li l-konvenuta hija

debitrici taghha fl-ammont komplessiv ta’ sitt elef, seba’ mija, tmienja u sebghin Liri Maltin u disgha u tletin centezmi (Lm6,778.39) rapprezentanti import ta’ varji fatturi mahruga bejn it-2 ta’ April 2004 sat-2 ta’ Awwissu 2005 skont l-imsemmija skritturi. Wara diversi rikjesti verbali u bil-mitktub maghmula inutilment mill-attrici, din ipprocediet ghall-istituzzjoni tal-proceduri odjerni.

**3.** Min-naha taghha l-konvenuta ressqet zewg eccezzjonijiet. L-ewwel wahda tirrigwardja l-meritu, fejn il-konvenuta ssostni li l-appart provdut lilha kien difettuz u ma kienx qed jaqdi l-iskop tiehu. L-ohra giet eccepita ulterjorment fil-mori tal-kawza, u hija bazata fuq il-preskrizzjoni ta’ 18-il xahar kontemplata fl-Artikolu 2148 [f] tal-Kodici Civili.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

**4.** L-ewwel Qorti bdiet bl-ezami tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u wara ghaddiet ghall-ezami tal-eccezzjoni fil-meritu inkwantu ghall-perijodu li ma kienx kolpit bil-preskrizzjoni. Hija waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ konvenuta qed titlob hlas tas-somma ta’ Lm6,778.39 rapprezentanti kera ta’ *“computer hardware”,* skont skritturi privati (Dok. “A” sa “D”) u skont rendikont anness mar-rikors guramentat (Dok. “F”).

"Illi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta huma fis-sens li fil-mertu ma huwa dovut l-ebda ammont peress li s-sistema ndikata kienet difettuza, u wkoll giet ecceppita l-preskrizzjoni skont id-disposizzjoni tal-**artikolu 2148 (f) tal-Kap. 16** ta' tmintax (18) il-xahar relattiva ghall-kera ta' hwejjeg mobbli. Fil-fatt ma hemmx dubju li l-azzjoni hija dwar hlas ta' l-istess oggetti mobbli, cjoe' *"computer hardware"* u allura l-preskrizzjoni eccepita hija applikabbli ghall-kaz odjern.

"Illi l-kwistjoni odjerna, u dan anke wara r-rapport tal-perit legali, huwa jekk bl-agir taghha s-socjeta' konvenuta irrinunzjatx ghall-preskrizzjoni, u dan ghaliex jidher li l-perit legali kkonkludiet li mill-provi prodotti jirrizulta li Boris Arcidiacono ghas-socjeta' konvenuta, rrikonoxxa li s-socjeta' minnu rapprezentanta hija debitrici tal-ammont rikjamat mis-socjeta' attrici, u jidher li dan ghamlitu fuq il-bazi li l-konvenut kien sostna fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2007 (fol. 95) li bhala *"records nghid l-istatment a fol. 19 huwa korrett*, *jekk hux dovuti hi haga ohra minhabba problemi teknici li kellna".* Dan ghaliex l-istess perit legali hawn sostniet li s-socjeta' konvenuta b'hekk irrikonoxxiet l-allegat kreditu, u allura s-socjeta' kienet fil-verita' qed teccepixxi t-tpacija li minnha nfisha twassal ghall-ammissjoni, li allura xxejjen l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u dan inghad fuq l-iskorta tas-sentenzi hemm minnha citati fosthom dik fl-ismijiet **"Marianna Spiteri et vs Joseph Vella"** (P.A. (AM) – 3 ta' Mejju 1993) (ara wkoll **"Eucharistico Gauci vs Jesmond Borg et"** (A.I.C. (PS) 14 ta' Lulju 2004).

"Illi din il-Qorti thoss li abbazi ta' dak li gie indikat mill-Perit Legali, ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta b'xi mod bil-kliem hemm citat waslet biex ammettiet jew irrikonoxxiet li ghandha taghti xi ammont lis-socjeta' attrici, anzi din il-Qorti thoss li mix-xhieda tal-istess Boris Arcidiacono, jirrizulta li huwa dejjem ikkontesta li tali ammont huwa dovut, u dan minhabba li huwa dejjem allega li s-sistema li attwalment giet mikrija lilu ma kienitx qed tiffunzjona sew, u fil-fatt permezz ta' diversi dokumenti minnu esebiti, jirrizulta li effettivament kien hemm diversi talbiet *da parte* tas-socjeta' konvenuta sabiex is-sistema provduta tigi rrangata mis-socjeta' attrici u dan kif jidher mid-Dok. "BAX 2" sa Dok. "BAX 12" (fol. 72 sa fol. 84).

"Illi fil-fatt jirrizulta li f'din il-kawza l-istess socjeta' konvenuta dejjem irriteniet li ma ghandhiex thallas l-ammont rikjest, u dan kemm permezz tax-xhieda ta' Boris Arcidiacono quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Frar 2007, fix-xhieda tieghu fl-affidavit datat 5 ta' Gunju 2008 (fol. 63), u fix-xhieda tieghu quddiem il-Perit

Legali tas-27 ta’ Novembru 2007, 23 ta’ Jannar 2008, u tat-2 ta’ April 2008. Certament li ghalhekk ma jirrizultax li kien hemm xi ammissjoni fix-xhieda tieghu f’din il-kawza da parte ta’ Boris Arcidiacono, li l-ammont rikjest mis-socjeta’ konvenuta kien b’xi mod dovut minnu, u dan ghaliex huwa dejjem insista li s-sistema fornita lilu mis-socjeta’ attrici ma kienitx tiffunzjona sew.

“Illi din il-Qorti ma tistax fid-dawl ta’ dan kollu tasal sabiex taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali f’dan ir-rigward, u dan kemm peress li x-xhieda ta’ Boris Arcidiacono f’din il-kawza dejjem kienet fis-sens li huwa qed jikkontesta li l-ammont kien dovut ghaliex is-sistema fornita mis-socjeta’ attrici kienet difettuza, u kif ukoll ghaliex anke jekk wiehed jiehu l-bran identifikat mill-Perit Legali, ma jirrizultax li l-istess socjeta’ konvenuta kienet qed teccepixxi t-tpacija, u dan ghaliex dik li l-istess socjeta’, bil-kliem stess uzat minnu, kien biss fis-sens, li l-kalkolu dwar il-kera kien korrett (jirriflettu l-ammonti li kienu miftehma bejn il-kontendenti ghall-kiri tal-apparat elettroniku), izda xorta wahda l-ammont ma kienx dovut minhabba proprju l-kontestazzjoni tas-socjeta’ konvenuta li l-apparat fornit kien difettuz. Il-kuncett ta’ tpacija bl-ebda mod ma gie eccepit mis-socjeta’ konvenuta – anke peress ma jiccentrax – anke ghaliex ma saret l-ebda talba f’dan is-sens mis-socjeta’ konvenuta, u ma kien fil-fatt ebda talba f’dan is-sens dwar ammont cert, likwidu u dovut li hija vantat minghand is-socjeta’ attrici. Kull ma ghamlet is-socjeta’ konvenuta kienet biss li hija ma hijiex debitrici ghaliex l-apparat fornit ma kienx tajjeb u hawn qed tirreferi ghall-in esekuzzjoni tal-obbligi kontrattwali tas-socjeta’ attrici li ma jintitolawhiex titlob l-ammont pretiz minnha f’din il-kawza.

“Illi f’dan il-kuntest huwa relevanti dak li gie ritenut fis-sentenza **“Carmelo Borg vs. George Borg”** (P.A. (RCP) – 31 ta’ Jannar 2008) fis-sens li hemm diversi modi kif l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni tista’ tigi ribattuta u dan jinkludi:-

“(a) l-inapplikabilita’ ghall-mertu tal-kaz tal-preskrizzjoni specifika, li fil-verita’ ma gietx koltivata mill-attur, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax hlief tieqaf hawn ghaliex hija ma tistax *marte proprio* tindahal fid-difiza tal-parti u tissuggerixxi x’messha kienet il-preskrizzjoni applikabbli ghall-fattispecie tal-kaz. (**“Austin Psaila vs Lothat Slabick”**).

“(b) Is-sospensjoni.

"(c) L-interruzzjoni jew billi l-attur jiddimostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju (**artikolu 2128 tal-Kodici Civili**) jew billi juri ghas-sodisfazjon tal-Qorti li b'certa attitudini tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li jirrendi l-inkompatibilita' l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni konstitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni, u fil-fatt dan huwa previst skont l-artikolu **2133 u 2134 tal-Kap 16**.

"Illi r-rikonnoxximent stabbilit mill-indikat **artikolu 2133** javvera ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika ammissjoni ta' l-esistenza tad-dritt, u dawn jinkludu l-weghda tal-hlas u t-talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, apparti dan kontenut fl-**artikolu 2134** ghall-hlas akkont. Din il-prova trid issir mis-socjeta' attrici ghaliex hija qed tikkontrasta l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, u l-prova ta' rikonoxximent allegat mis-socjeta' attrici trid tkun cara u esplicita. (**"Albert Mizzi nomine et vs John Mousu' proprju et nomine"** – A. C. – 16 ta' April 2004).

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Mario Galea vs John Attard et"** (P.A. (PS) – 26 ta' Mejju 2004) gie affermat ukoll illi jekk debitur jirrikonoxxi d-dejn, dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja tal-preskrizzjoni, u dan ir-rikonoxximent jista' jkun prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita' kollha dovuta, u jista' wkoll jirrigwarda kreditu llikwidu" (Kollez. Vol. XLII.ii.744)

"Illi fid-dawl ta' dan jinghad li huwa ben stabbilit li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hija nkompatibbli ma certi atti bhal rikonoxximent tad-dejn jew fejn id-debitur ma jichadx id-dejn (Kollez. Vol. XLVIII.iii.1440; **"Victor Calleja noe vs Nazzareno Vassallo et nomine"** – A. C. 5 ta' Ottubru 1998), il-pagament akkont (Kollez. Vol. XXIX.i.755), u l-prova tal-ammissjoni tad-dejn **"Silvio Frendo vs Andrew Faenza"** A.I.C. – 2 ta' Gunju 2000).

"Illi hawn issir referenza ghas-sentenza **"Badassare Bugeja vs. George Cassar et pro. et nomine"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2007) fejn f'dik is-sentenza inghad li b'dan l-agir tieghu l-konvenut irrinunzja ghall-preskrizzjoni skont kif indikat fis-sentenza **"Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma vs Joseph Quattromani"** (A.I.C. (PS) – 19 ta' April 2004) u dan ghaliex l-atti maghmula minnu f'dak il-kaz kienu nkompatibbli ma' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut personalment u hawn saret riferenza ghas-sentenzi **"Eucharistic Gauci vs Jesmond Borg"** (A.I.C. (PS) – 14 ta' Lulju 2004), **"Austin Psaila vs Lothar Slabick"** (A.I.C. (PS) – 9 ta' Frar 2005), u partikolarment ghal dak ritenut fis-sentenza **"Domenic Dep. Stores (DDS) Ltd**

**vs Malta Dairy Products"** (A.C. (VDG) – 30 ta' Mejju 2003 - Citaz.Numru 150/1988), fejn inghad li kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Cannee nomine"** (A.C. – 30 ta' Mejju 1952 u b'riferenza ghall dak li hemm indikat fl-**artikolu 2133 tal-Kap 16** li:-

> *""Illi r-rikonjizzjoni interuttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista' tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volonta' li jigi rikonoxxut id-dritt; tista' tkun diretta u tacita, b'fatti li fihom infushom immedjetament juru l-volonta'; u tista' tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibbli mal-volonta' tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Il-kwistjoni tacita hi kwistjoni tal-volonta' prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt".*

"Illi fil-kaz odjern din il-Qorti thoss li ma hemm xejn fl-agir tas-socjeta' konvenuta, jew rapprezentanti li juru li b'xi mod huma rrikonoxxew li ghandhom jaghtu l-ammont indikat jew li b'xi mod is-socjeta' konvenuta rrinunzjat ghall-preskrizzjoni u fil-fatt ma' hemm xejn b'forma partikolari konsistenti f'fatti cari u univoci li jwasslu lil din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li s-socjeta' konvenuta ammettiet li ghandha taghti l-ammont rikjest fl-azzjoni attrici jew li b'xi mod l-istess socjeta' konvenuta rrinunzjat ghall-preskrizzjoni li ddekorriet favur taghha. Dan iktar u iktar meta jidher li l-perit legali, erronjament f'ghajnejn din il-Qorti, waslet biex qalet li s-socjeta' konvenuta ppretendiet li l-ammont rikjest jigi pacut, meta mill-atti kollha tal-kawza jidher li l-kuncett ta' tpacija qatt ma tqajjem mis-socjeta' konvenuta (ara 2.12 sa 2.14 tan-nota ta' osservazzjoniet tas-socjeta' konvenuta).

"Illi dwar ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni jirrizulta li din, anke kif fuq gja espost, ghandha tigi pruvata minn min jallega **("Emmanuel Pace vs. Fred Fenech"** A.K. – 20 ta' Marzu 1978), u li tali rinunzja trid tkun cara u inekwivoka, u ma tistax tigi prezunta izda ghandha tigi provata b'mod konklussiv, b'dan li jekk tkun tacita trid tohrog minn fatti cari u inekwivoci li juru car l-intenzjoni tar-rinunzja u li ma tkunx tippresta ruhha ghal xi interpretazzjoni ohra jew tqajjem xi dubju dwar l-intenzjoni tar-rinunzjant **("Pauline Cachia vs Joseph Aquilina nomine"** A.I.C. (PS) – 9 ta' Gunju 2005; **"Carmelo Cassar et vs Dr. Paolo Azzopardi"** A.C. 4 ta' Novembru 1935 – Vol. XXIX.i.326).

"Illi fil-fatt hawn issir referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Raymond Grech et vs Stefan Borg"** P.A. – 14 ta' Gunju 2001) u dik fl-ismijiet **"Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma vs Joseph Quattromani"** (A.I.C. (PS) – 19 ta' Mejju 2004 fejn inghad li:-

*““Fil-kaz ta’ rinunzja espresso din trid tkun tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci; fil-kaz ta’ rinunzja tacita din ghandha tigi nterpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi dezunta ma tkunx tista’ tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja (Art. 2109 (2);* ***“Michele Tabone et vs Emmanuele Sammut noe”*** *Prim’awla, 10 ta’ Ottubru 1950; “****Carmelo Galea vs Dottor Albert Camilleri noe”*** *Appelli Civili, 18 ta’ Marzu 1977)”.*

*“Hija dottrina komunament accettata illi r-rinunzja ghall-preskrizzjoni hija manifestazzjoni unilaterali tal-volonta’ inekwivokabbli tal-konvenut debitur li jabdika ghall-efffetti tal-preskrizzjoni u li ma jridx japprofitta ruhu mill-preskrizzjoni kompjuta. ……l-esame della natura dell’atto e la sua efficacia ad operare la rinuncia e’ rimesso all’apprezzamento dei tribunali; I quail devono ancora prendere in calcolo tutte le circostanze in cui l’atto fu eseguito, e che possono talora spiegare la sua efficacia (Kollez. Vol. XXVIII.ii.112)”.*

“Illi dan gie kkonfermat mis-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **“Martin Mizzi vs Joseph Camilleri”** A.C. – 20 ta’ Ottubru 2004 u dik fl-isimijiet **“Carmelo Abdilla et vs Frances Gloria Crockford”** (A.C. – 26 ta’ Gunju 2009) fejn inghad illi:-

*““Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-imsemmi Artikolu 2133 tal-Kap. 16 jestrinsika ruhu jew permezz ta’ xi dikjarazzjoni esplicita’ jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta’ l-esiztenza tad-dritt, per ezempju, il-weghda ta’ hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f’denunzja ta’ successjoni jew forma ta’ entrata fl-accounts”.*

*“Jigi inoltre, rilevat illi kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta’ preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta’, tal-konsapevolezza, tal-inekwivocita’, dejjem b’mod esterjorizzat. Rekwiziti, dawn, li hu necessarju li jikkoezistu flimkien mal-istess att.”*

“Illi fil-kaz odjern din il-Qorti thoss li l-ebda prova ma saret mis-socjeta’ attrici f’dan is-sens, anzi kull darba li s-socjeta’ attrici avvicinat lis-socjeta’ konvenuta dwar dan il-hlas, l-istess socjeta’ konvenuta qatt ma ammettiet li ghandha thallas l-istess ammont illum rikjest, u l-allegazzjonijiet f’dan is-sens maghmula mis-socjeta’ attrici, anke *tramite* ir-rappresentanti u mpjegati taghha nkluz dik ta’ Daniela Caruana, huma kontradetti mix-xhieda ta’ Boris Arcidiacono, ta’ Adrian Farrugia, u Maurice Bugeja.

"Illi tenut kont ta' dan kollu jirrizulta li hija applikabbli l-preskrizzjoni eccepita ta' 18 il-xahar a bazi tal-**artikolu 2148 (f) tal-Kap. 16** u jirrizulta li la darba l-kera mitluba ghall-oggetti mertu tal-kawza odjerna hija dik ghall-perjodu bejn ix-xahar ta' April 2004 u x-xahar ta' Awissu 2005 (Dok. "A" anness mar-rikors guramentat u "DC1" sa Dok. "DC 63"), mela la darba l-azzjoni attrici giet notifikata biss lis-socjeta' attrici fit-30 ta' Jannar 2007, mela allura l-ammonti rikjesti sal-perjodu ta' Lulju 2005 jirrizulta li huma preskritti.

"Illi din il-Qorti tirreferi wkoll ghal kull argument li tressaq dwar l-ittra ufficjali datata 16 ta' Mejju 2006 (Dok. "BA 1" – fol. 128), izda tali ittra ufficjali ma jirrizultax li interrompiet il-preskrizzjoni ghas-semplici raguni li qatt ma giet notifikata lis-socjeta' konvenuta, kif jirrizulta mir-riferta negattiva ta' l-istess (*unclaimed) a tergo* tal-istess *(a tergo fol. 128).* La darba l-ittra ufficjali ma gietx notifikata ma hemm ebda ksur tal-preskrizzjoni (ara **artikolu 2128 tal-Kap. 16).**

"Illi mela allura l-unika ammonti li ma humiex preskritti huma dawk relattivi ghax-xahar ta' Awissu 2005 li skond Dok. "A" (fol. 20) huma ta' Lm25.65, Lm124.16 u Lm182.64 rispettivament ammontanti ghall-Lm332.45 (€774.40) u dwar dan l-istess socjeta' konvenuta tghid li dawn mhux dovuti peress li l-apparat mikri kien difettuz u din l-eccezzjoni hija bbazata fuq il-principju li jezisti f'kuntratti bilaterali ta' *inademplendi non est ademplendum,* fis-sens li kemm il-darba parti ma tonorax l-obbligi taghha, mela allura ma tistax hija stess tippretendi hlas jew esekuzzjoni minghand il-parti l-ohra **("AX Construction Limited vs Tony Mallia Bonello"** – A.C. – 10 ta' Ottubru 2005).

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-sistema ta' *hardware* fornita mis-socjeta' attrici kienet fil-fatt difettuza u dan jirrizulta mix-xhieda kollha prodotta mis-socjeta' attrici, nkluzi dik ta' Boris Arcidiacono, Maurice Bugeja, u Adrian Farrugia, u fil-fatt jirrizulta li kien hemm difetti frekwenti fil-*hard disk* tal-istess sistema u dan huwa korroborat mill-fatt mit-*Technical Department Service Reports* jirrizulta li din kienet effettivament difettuza ghal diversi perjodi kif jidher mid-Dokumenti "BAX 2" sa "BAX 10" annessi mal-affidavit ta' Boris Arciadiacono relattivi wkoll ghall-perjodi ndikati mis-socjeta' konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha tat-3 ta' Novembru 2008 quddiem il-Perit legali. Apparti dan jinghad li fl-istess kuntratti esebiti mis-socjeta' attrici li l-manutenzjoni tal-istess apparat kienet f'idejn is-socjeta' attrici (para 8 fol. 5), u allura kienet is-socjeta' attrici li kellha l-obbligu li tara li tali apparat ikun sew provdut u mantnut.

"Illi jinghad ukoll li ghalkemm is-socjeta' attrici qed tallega li l-azzjoni attrici hija dwar *hardware,* u jekk kien hemm xi difett dan kien jirrigwarda s-*software*, li tieghu hija ma kinitx responsabbli, dan fil-fatt jirrizulta li huwa inkorrett u dan peress li jekk id-difett kien fis-*software*, l-kuntratt mas-socjeta' konvenuta kien maghmul ukoll dwar l-istess mas-socjeta' attrici kif jirrizulta mid-Dok. "BAX 1" iffirmat proprju mis-socjeta' attrici (fol. 66) u d-difetti fl-istess sistema jirrizultaw kemm mid-dokumenti esebiti kif ukoll mix-xhieda konvenuta. Dan apparti li effettivament l-azzjoni attrici, minkejja s-sottomissjonijiet taghha, hija mibnija fuq il-premessa li *'s-socjeta' rikorrenti kienet f'diversi okkazjonijiet u a bazi ta' diversi kuntratti dahlet fi ftehim mas-socjeta' intimate sabiex tforni lill-istess b'apparat ta' computer hardware, kif ukoll* <u>*software*</u> *gewwa l-fond maghruf bhala it-Torri Interiors gewwa 233, Tower Road, Sliema (ara il-paragrafu 2 tar-rikors guramentat – sottolinear tal-Qorti),* u allura ghalkemm il-kera li qed tintalab hija ghall-*hardware*, ma hemmx dubju li thaddim tal-istess sistema jiddependi fuq il-kwalita' u l-efficjenza tas-*software* fornit, li mid-dokumenti esebiti tirrizulta li wkoll kienet difettuza, tali dokumenti mahruga mill-istess socjeta' attrici innifisha. Ghalhekk f'dan il-kuntest jirrizulta li dwar l-ammont li ma giex preskritt a bazi tal-**artikolu 2148 (f),** it-talba attrici ghax-xahar ta' Awwissu 2005 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-apparat fornit kien difettuz u mhux tajjeb ghall-uzu intenzjonat."

## <u>L-Appell</u>

**5.** Dan hu bazat fuq zewg aggravji: [1] li l-preskrizzjoni invokata ma ddekorritx stante li din giet interrotta mill-konvenuta, u wkoll giet rinunzjata mill-istess; [2] li kuntrarjament ghal dak deciz mill-ewwel Qorti, id-difetti allegati mill-konvenuta ma rrizultaw minn imkien.

**6.** Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet indikati mill-attrici fir-rikors taghha tal-appell, din qed titlob li din il-Qorti *"tvarja s-sentenza appellata billi thassar l-*

*istess, tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti..."* bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

**7.** Min-naha taghha l-konvenuta tirribatti billi, fl-ewwel lok tghid li r-rikors tal-appell huwa null peress li t-talba hija inkonsistenti fiha nnifisha; fit-tieni lok tghid li l-attrici ma rnexxilhiex tipprova la l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni u lanqas ir-rinunzja tal-istess; fit-tielet lok tghid li hemm provi bizzejjed sabiex tissussisti l-eccezzjoni taghha fil-meritu.

**8.** Ghaldasqtant il-konvenuta qed titlob li l-appell tal-attrici jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess, ukoll sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-attrici spejjez ghal darbtejn *ai termini* tal-Artikolu 233 [4] tal-Kap. 12 billi l-appell huwa wiehed frivolu u vessatorju.

**<u>L-Aggravji</u>**

**9.** Qabel xejn, in vista tal-pregudizjali sollevata mill-konvenuta fir-risposta taghha, huwa opportun li qabel ma' din il-Qorti tghaddi ghall-ezami tal-aggravji tal-attrici, tittratta dan l-aspett.

**10.** Fis-succint dan hu fis-sens li r-rikors tal-appell tal-attrici huwa null peress li fit-talba tal-attrici hemm *“zewg affarijiet inkonsistenti u dijametrikalment opposti”* stante li filwaqt li qed titlob il-varjazzjoni tas-sentenza, fl-istess hin qed titlob ir-revoka tal-istess sentenza. Tghid ghalhekk li t-talbiet huma “*inkompatibbli”* b’mod li jirrendu l-appell irritu u null. In sostenn ta’ din it-tezi, il-konvenuta ticcita sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, fil-gurisdizzjoni inferjuri taghha, fit-12 ta’ Marzu 2010 fl-ismijiet **Joseph Buttigieg et noe v. Malcolm J. Naudi et noe***.*

*Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti*

**11.** Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li l-paragun bejn il-kaz odjern u s-sentenza citata mill-konvenuta huwa insostenibbli, stante li f’dak il-kaz, ghal kuntrarju tal-kaz odjern, ir-rikorrent appellant naqas milli jaghmel it-talba tieghu. Fi kliem iehor kien hemm nuqqas totali ta’ wahda mir-rekwiziti necessarji ghall-validita` tar-rikors tal-appell. Di fatti kif osservat l-imsemmija Qorti r-rikors kien:

> “… priv ghal kollox mid-determinazzjoni ta’ l-oggett ta’ l-appell u dan jirrendih improducibbli ta’ effetti processwali (*tamquam non esset*) ... ... ... ... non si tratta ta’ semplici zball fl-iskrittura ta’ l-appell li jista’ jissewwa izda minn ommissjoni kompleta ta’ l-oggett tattalba, u, allura, tar-raggungiment ta’ l-iskop volut millappellanti ghal liema introducew l-appell”

**12.** Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li hu ormai assodat fil-gurisprudenza interpretattiva li:

> "… fi zminijiet aktar recenti sew fil-gurisdizzjoni nostrana kif ukoll f'gurisdizzjonijiet ohra, l-assenza ta' formalizmu rigoruz fit-tehijja ta' atti gudizzjarji ma ghandux iwassal ghan-nullita` ta' dawk l-atti billi kull ma hu mehtieg hu li jigi salvagwardat l-interess tal-kontro-parti billi din tifhem ezattament dak li qed jigi mitlub mill-Qorti biex tkun tista' tiddefendi ruhha b'mod adegwat."[1]

> "Fuq kollox, hija prassi li n-nullitajiet m'ghandhomx jigu facilment accettati, u hu bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-konvenut jifhem l-intenzjoni ta' min harrikha."[2]

**13.** Fil-kaz odjern ma hemmx assenza "totali" tat-talba, anzi ghal kuntrarju hemm specifikat dak li qed titlob is-socjeta` appellanti. Din il-Qorti tosserva li t-talba tal-appellanti kif espressa fir-rikors tal-appell ma thalli ebda dubju dwar tal-kontenut taghha, u cioe` li din il-Qorti timmodifika s-sentenza appellata billi, tirrevokaha fejn laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u minflok, tichad dawn l-eccezzjonijiet u tilqa' t-talba attrici kif dedotta.

**14.** Ghaldaqstant il-pretensjoni tal-konvenuta li r-rikors tal-appell huwa null hija insostenibbli fattwalment u legalment.

*L-ewwel aggravju*

---

[1] *App.S.298/2004 George Abela et vs Alfred Abela, 26 ta' Marzu 2010;*
[2] *PAJohn Galea et vs Raymond Falzon, 28 ta' April 2005*

**15.** Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghad-decizjoni li takkolji l-eccessjoni tal-preskrizzjoni estintiva kontemplata fl-Artikolu 2148[f], sollevata mill-konvenuta. Tghid li mill-provi rrizultaw diversi fatturi li kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti sabiex tichad din it-talba, stante interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv u/jew addirittura rinunzja ghaliha. Dan jirrizulta mis-segwenti fatti indikati minnha fir-rikors tal-appell: li l-konvenut Boris Arcidiacono accetta li d-debitu huwa dovut mill-konvenuta u li din qatt ma cahdet l-ezistenza ta' dan id-debitu, anzi talbet dilazzjoni fil-pagamenti, u wkoll sabiex l-attrici tirrinunzja ghall-imghax dovut; li saret offerta lill-attrici sabiex il-hlas dovut lilha jsir bil-konsenja ta' ghamara fl-ufficcju tal-konvenuta bhala tpacija. L-attrici ssostni li dawn il-fatti allegati minnha jammontaw ghar-rinunzja tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li kienet giet sollevata mill-konvenuta fl-istadju tardiv tal-kawza wara li l-imsemmi Boris Arcidiacono kien xehed li l-konvenuta kienet qed tirrifjuta li thallas il-kreditu pretiz mill-attrici, mhux ghax dan ma kienx jezisti, izda ghax is-sistema fornita lilha kienet inadegwata. Tghid ukoll li, minkejja din l-allegazzjoni tal-konvenuta, din naqset li taghmel kontro-talba f'dan is-sens ghax-xoljiment tal-kuntratti, kif ukoll naqset milli tiddepozita fil-Qorti dak fornit lilha taht il-ftehim fuq indikati.

**16.** Min-naha taghha l-konvenuta tghid li l-attrici ma ssodisfatx l-oneru taghha li tipprova li l-perjodu preskrittiv kien interrot, u li kien hemm ir-rinunzja

tal-istess da parti tal-konvenuta. Il-provi fir-rigward huma insufficjenti. Tissenjala l-fatt li l-ittra ufficjali datata 16 ta' Mejju 2006 mibghuta lill-konvenuta qatt ma giet notifikata lill-istess, u ghalhekk legalment ma kellhiex l-effett li tinterrompi d-dekorriment tal-preskrizzjoni.

**17.** Rigward il-fattur tar-rinunzja sollevat mill-attrici, il-konvenuta tissenjala li r-rinunzja ghall-preskrizzjoni trid tkun cara u univoka, izda f'dan il-kaz dan ma rrizultax.

**18.** Fir-rigward tghid li mhuwiex minnu li l-konvenuta talbet dilazzjoni ghall-hlas ta' dak pretiz mill-attrici; tant hu hekk li fil-hames premessa taghha tar-rikors promotur l-attrici tghid li minkejja li hi talbet *"lid-direttur tal-istess socjeta` intimata Boris Arcidiacono sabiex jissalda l-kontijiet u jigu evitati spejjez bla bzonn, u ciononostante l-istess baqa' inadempjenti u langas ghogbu li jwiegeb ghall-ittri lilu mibghuta.*[3]*"* Din il-premessa ddghajjef l-allegazzjoni li l-konvenuta talbet zmien ghall-hlas tal-pagamenti.

**19.** Tghid ukoll li x-xhieda tal-Avukat Dottor George Cutajar li jippatrocinja s-socjeta` attrici mhijiex cara, u hija kontradittorja ghall-kontenut tal-hames premessa fuq citata. Apparti minn hekk, hija kontradetta mix-xhieda tal-

[3] Sottolinear tal-Qorti

konvenuta.  Tghid ukoll li mix-xhieda ta’ Daniela Caruana, rapprezentanti tas-socjeta` attrici, ma jirrizultax li kienet saret xi offerta ghat-tpacija bl-ghamara tal-ufficcju.  Inoltre, il-konvenuta ma kinitx accettat li tiffirma r-*repayment programme* mghoddi lilha minn din ix-xhud, liema fatt ikompli jimmilita kontra t-tezi tal-attrici li l-konvenuta kienet talbet aktar zmien ghall-hlas.

**20.** Mhuwiex minnu li Boris Arcidiano ammetta li l-ammont hu dovut, izda hu kien dejjem ikkontesta li l-konvenuta ghandha taghti l-ammont reklamat.  Fi kwalunkwe kaz, dak li setgha intqal bejn l-imsemmi avukat u Boris Arcidiacono, inghad fi spirtu ta’ tranzazzjoni u  ghalhekk ghandu jitqies li kien inghad minghajr pregudizzju ghad-drittijiet rispettivi tal-partijiet.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**21.** Din il-Qorti wara ezami rett tal-provi hija tal-fehema li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett kemm tal-fatti kif ukoll tal-applikazzjoni ghalihom tal-ligi ai fini tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**22.** Mill-provi jirrizulta car li Boris Arcidiacno, direttur tas-socjeta` konvenuta, u li xehed diversi drabi, kemm *viva voce* kif ukoll b'affidavit, dejjem cahad li l-konvenuta ghandha taghti l-ammont pretiz lill-attrici. Huwa dejjem baqa' jsostni li xejn mhu dovut mill-konvenuta lill-attrici peress li din ma onoratx il-ftehim li kellhom il-partijiet billi s-sistema kemm ta' *hardware* kif ukoll ta' *software* provduta mill-attrici kienet wahda diffettuza bir-rizultat li kienet ikkreat hafna problemi lill-konvenuta fix-xoghol taghha, inkluz ukoll telf ta' data importanti ghall-konvenuta li kien storjat fl-istess sistema.

**23.** Huwa minnu li fix-xhieda tieghu in subizzjoni dan ix-xhud xehed li *"Bhala records nghid li l-istatements [li juri l-pagamenti tal-krijiet pretizi mis-socjeta' attrici] huwa korrett, jekk mhux dovuti hi xi haga ohra minhabba problemi teknici li ikellna."*[4], izda dan ma jammontax ghar-rikonoxximent tad-dejn, interruttiv tal-perjodu preskrittiv, ghax fid-depozizzjoni tieghu dan ix-xhud, ghalkemm jghid li mhux qed jikkontesta l-kontenut tal-i*statements* ezebiti, mhuwiex qed tirrikonoxxi d-dritt tal-attrici bhala kreditrici ghal dawk l-ammonti. Dan jirrizulta manifest mill-fatt provat li dan ix-xhud *ab initio* kien ghamilha cara fix-xhieda tieghu li kien qed jikkontesta l-pretensjoni attrici li l-ammont pretiz minnha huwa dovut mill-konvenuta. Ghalhekk din is-silta ma tistax titqies bhala rinunzja cara u univoka li l-konvenuta rrikonoxxiet id-dritt tal-attrici ghall-kreditu pretiz minnha.[5]

---

[4] Fol-97
[5] Ara fost ohrajn, *App.C.Carmelina Vella v Anthony Borg*, 16 ta' Settembru 1994

**24.** Rigward dak allegat mix-xhieda prodotta mill-attrici, u cioe` li l-imsemmi Boris Arcidiacono kien talab zmien ghal hlas u li ried li l-attrici tirrinunzja ghall-imghax fuq l-ammonti pretizi minnha, din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament hazin tal-provi meta accettat bhala veritier dak allegat mill-imsemmi xhud, filwaqt li ma tatx affidament ghax-xhieda prodotti mill-attrici. Hemm diversi fatturi li jissufragaw it-tezi tal-konvenuta, fosthom dak li, kif premess u ammess mill-attrici fir-rikors promotur taghha, l-imsemmi Boris Arcidiacono *"...lanqas ghogbu li jwiegeb ghall-ittri lilu mibghuta."*[6] Wkoll, l-istess Boris Arcidiacono rrifjuta li jiffirma r-*repayment programme* li pprezentatlu l-imsemmija Daniela Caruana meta din marret ghand il-konvenuta biex tisma' l-ilmenti taghha dwar is-sistema mikrija lilha.

**25.** Apparti dan hemm il-konsiderazzjoni li d-diskors li ghadda bejn Boris Arcidiacono u l-avukat tas-socjeta` attrici f'inkontri kazwali illi kellhom, ghandu jitqies li sar bla pregudizzju, ghax kif ritenut fil-gurisprudenza *patria* l-offerti li jsiru *in linea* ta' tranzazzjoni ma ghandhomx l-effikacja li jinterrompu l-preskrizzjoni jew l-effikacja ta' rikonoxximent tad-dejn; ghaliex proposti simili jsiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti.[7]

---

[6] Par.5
[7] Ara fost ohrajn, App.C Lombardo Azzopardi vs Michele Azzopardi, deciza 27 April 1936 [Vol.XXIX.I.613

**26.** Rigward l-punt ta’ tpacija, din il-Qorti bhall-ewwel Qorti hi tal-fehma li mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi offerta ghal tpacija ta’ ghamara tal-konvenuta mal-kreditu pretiz mill-attrici. Di fatti x-xhud Daniela Caruana li xehedet dwar l-inkontru li kellha ma’ Boris Arcidiacono, ma tghidx li dan issuggerixxa jew talabha li ssir tpacija, izda tghid li *“Qalli li jixtieq li nixtru siggijiet minghandu u kien ser jibghatilna l-prezzijiet, izda r-repayment programme ma kellux x’jaqsam max-xiri ta’ siggijiet.”*[8] Hawnhekk huwa opportun li din il-Qorti terga’ tirribadixxi li r-rinunzja ghall-preskrizzjoni trid tirrizulta cara u inekwivoka mill-provi, u wkoll li r-rikonoxximent tad-dejn anke permezz ta’ tpacija ghandu jirrizulta car u mhux bazat fuq kongetturi. Fil-kaz odjern din il-parti tad-depozizzjoni tax-xhud ma tistax titqies bhala element ta’ prova sufficjenti sabiex jigi stabbilit li l-konvenuta riedet li ssir tpacija, u dan apparti mill-konsiderazzjonijiet maghmula fil-paragrafu precedenti li offerta jew proposta bi spirtu ta’ tranzazzjoni titqies li tkun saret bla pregudizzju.

**27.** Ghalhekk anke f’dan ir-rigward din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti u li permezz tieghu waslet ghall-konkluzjoni li din il-figura guridika ma tirrizultax mill-provi.

**28.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-tieni aggravju*

---

[8] Fol.90

**29.** Dan jirrigwarda l-meritu tal-kawza, u huwa dirett lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti li permezz tieghu dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li kemm il-*hardware* kif ukoll is-*software* kienu difettuzi.

**30.** Skont l-attrici, l-ezistenza ta' problemi teknici ma tirrizultax provata u tissenjala s-segwenti fatti: li l-ewwel Qorti cahdet it-talba taghha ghan-nomina ta' espert tekniku; li s-socjeta` konvenuta qatt ma interpellat lis-socjeta` attrici la b'ittra legali u lanqas b'ittra ufficjali; li l-konvenuta ma haditx passi gudizzjarja ghar-revoka tal-iskritturi relattivi fuq bazi ta' inadempjenza da parti tas-socjeta` attrici; la ghamlet kontro-talba ghal dan il-ghan, u lanqas iddepozitat l-apparat fil-Qorti.

**31.** Min-naha taghha s-socjeta` konvenuta ssostni li l-ewwel Qorti kellha quddiemha provi bizzejjed biex tasal ghall-konkluzjoni li s-sistema provduta mis-socjeta` attrici kienet difettuza mil-lat tekniku. Apparti mix-xiehda ta' Boris Arcidiacono, Maurice Bugeja u Adrian Farrugia, hemm ukoll it-*Technical Department Services Reports* maghmula mis-socjeta` attrici li jikkonfermaw dan il-fatt.

**32.** Barra minn hekk jirrizulta mill-iskritturi formanti l-bazi tal-pretensjoni attrici li l-manutenzjoni tas-sistema kienet a karigu tal-attrici. Dan jirrizulta wkoll minn dokumenti mahruga mill-istess socjeta` [BAX2 sa BAX 10]. Anki l-funzjonament tas-sistema tas-*software* kien obbligu tas-socjeta` attrici u responsabbilta` taghha [BAX1 – fol.60]. Boris Arcidiacono jghid li, tant kienet difettuza s-sistema installata mill-attrici, li kienet inutilizzabbli, bir-rizultat li s-socjeta` konvenuta kellha takkwista sistema ohra minghand terzi.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**33.** Ladarba l-ewwel aggravju gie michud, dan it-tieni aggravju jirreferi biss ghall-ammont pretiz mill-attrici ghall-perjodu mhux kolpit bil-preskrizzjoni.

**34.** Fil-meritu l-Qorti tirribadixxi li bhala qorti ta' revizjoni din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi jew ghax jigi riskontrat zball manifest li jista' jwassal sabiex parti jew ohra ssofri ingustizzja. Ghal bqija, jekk hemm elementi ta' prova bizzejjed sabiex l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti.

**35.** Minn ezami tal-provi jirrizulta car li f'dan il-kaz kien hemm provi sufficjenti sabiex l-ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, u cioe` li s-sistema kienet difettuza b'mod li l-konvenuta giet pregudikata fix-xoghol taghha tant li kellha twarrabha u ggib sistema ohra minghand terz. Il-fatt li s-sistema provduta mill-attrici kienet qed tikkreja problemi lill-konvenuta fix-xoghol taghha jirrizulta mhux biss mix-xhieda ta' Boris Arcidiacono, Adrian Farrugia u Maurice Bugeja, izda wkoll mid-diversi *Technical Department Services reports* maghmula mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici.

**36.** Minn dawn ir-rapporti li jinsabu annessi mal-affidavit ta' Boris Arcidiacono jirrizulta li fis-snin 2004 sa 2005 il-konvenuta diversi drabi irriskontrat problemi teknici kemm fil-*hardware* kif ukoll fis-*software.* Dwar dan, il-konvenuta kienet tilmenta mal-attrici li min-naha taghha kienet tibghat in-nies taghha sabiex jindirizzaw dawn l-ilmenti, u dawn l-istess nies kienu jaghmlu rapport. Fost dawn ir-rapporti hemm dak datat 9 ta' Dicembru 2004 fejn gie indikat li l-problema kienet rizultat ta' *hard disc* difettuz, filwaqt li tnizzel ukoll li parti mid-data ma setghetx tigi irkuprata. Ukoll, fir-rapport tat-18 ta' Novembru 2005 hemm indikat li l-problema kienet rizultat ta' difett fil-*hard disc*. Dawn id-dokumenti ma gewx kontestati jew b'xi mod kontrastati mis-socjeta` attrici li minn naha taghha baqghet issostni li l-problema kienet fis-*software* u mhux fil-*hardware*. Il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li mill-provi jirrizulta li l-oggett tal-kirja kien jikkonsisti kemm fil-*hardware* kif ukoll is-*software*, kif wara

kollox jinsab premess fir-rikors guramentat[9], skont il-ftehim kemm dwar il-*hardware*[10] kif ukoll dwar is-*software*[11], ir-responsabbilita` ghall-funzjonament tajjeb tas-sistema kollha kienet a karigu tas-socjeta` attrici.

**37.** Inoltre, il-fatt sostnut mill-attrici li hi kienet kriet is-*software* minghand socjeta` ohra huwa immaterjali u irrelevanti ghal kaz odjern li huwa bazat fuq ir-relazzjoni guridika li tezisti bejn il-partijiet. Boris Arcidiacono spjega li fuq insistenza tieghu huwa ried li s-socjeta` attrici tipprovdilu mhux biss il-*hardware* imma anke s-*software* u dan proprju sabiex ir-rapport ikun bejn il-partijiet biss. Fil-fatt l-ftehim dwar is-*software* sar bejn il-partijiet biss.

**38.** F'dan l-istadju mhuwiex inopportun li jigi osservat li c-cahda mill-Qorti tat-talba attrici ghan-nomina ta' perit tekniku li kienet saret mill-attrici fil-mori tal-kawza, hija kwalifikata bil-kliem *"f'dan l-istadju"*[12]. Ukoll id-digret kien inghata fit-3 ta' Lulju 2007 u cioe` fl-istadju bikri tal-provi. Inoltre ma jirrizultax li sussegwentement kienet saret talba ohra simili. Izda fi kwalunkwe kaz, kif gja` fuq spjegat, l-ewwel Qorti kellha provi bizzejjed biex tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha.

[9] Tieni premessa citata wkoll mill-ewwel Qorti
[10] Klawsola 8 tal-iskritturi *"Agreements Lease of Equipment"* a foll.5 et seq.
[11] *"Agreement for maintenance of Software"* – foll.66 et seq.
[12] Fol.51

**39.** Rigward l-inadempjenza kuntrattwali allegata mill-attrici, jidher car li l-eccezzjoni fil-meritu tal-konvenuta hija bazata fuq il-massima legali *inademplenti non est ademplendum*. Fir-rigward jinsab ritenut li dan il-principju:

> "… … … huwa bazat fuq ir-raguni guridika illi jekk wiehed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligi tieghu di fronte ghall-kontraent l-iehor, ikun immorali li huwa jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li ghamel dik il-vjolazzjoni, meta huwa stess isib ruhu fl-istess kondizzjoni, ghaliex da parti tieghu hemm vjolazzjoni ohra tal-kuntratt. Barra minn dan hemm il-kompensazzjoni ta' vjolazzjoni ma' ohra. ["*Celestino Muscat -vs- Giovanni Attard* et", Appell Civili, 3 ta' Gunju 1938 (Kollez. Vol. XXX P I p 155).[13]

> "Jinsab spjegat mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (27 ta' Settembru 1999, numru 10668) illi, *"nei contratti con prestazioni corrispettive, ove una delle parti giustifichi la propria inadempienza con l' inadempimento dell' altra, il giudice deve procedere alla valutazione comparativa dei comportamenti, tenendo conto non solo dell' elemento cronologico ma anche e soprattutto dei rapporti di proporzionalita` e corrispettivita` esistente tra le prestazioni inadempiute, per stabilire se l' inadempimento o la prospettiva di inadempimento di una parte giustifichi il rifiuto di esecuzione della prestazione dovuta dall' altra; a tal fine il giudice non deve avere riguardo alle sole obbligazioni principali dedotte in contratto (e cioe`, nell' appalto, il pagamento del compenso, per il committente ed il compimento dell' opera, per l' appaltatore), ma anche a quelle secondarie cui le parti, nell' esplicamento delle lore autonimie contrattuale, abbiano attribuito carattere di essenzialita` sul piano sinallagmatico";*

**40.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fattwali fuq esposti din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti kellha provi sufficjenti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li dak provdut mill-attrici lill-konvenuta skont dak pattwit minnhom, irrizulta tant difettuz li l-konvenuta ma setghetx tkompli topera bih, u allura tenut kont li kien

[13] *App.Inf. [PS] AX Construction Limited vs Tony Mallia Bonello, deciz fl-10 ta' Ottubru 2005:-*

l-obbligu tal-attrici li tassigura d-dgawdija da parti tal-konvenuta ta’ dak provdut minnha, din agixxiet fil-parametri tal-ligi meta rrifjutat li tkompli thallas il-kera lill-attrici. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta skartat il-pretensjoni attrici u accettat id-difiza sollevata mill-konvenuta.

**41.** Ma’ dan jizdied li, il-konvenuta, rinfaccjata bl-inadempjenza da parti tal-attrici ta’ l-obbligu taghha skont l-iskritturi, ma kellhiex ghalfejn la taghmel kontro-talba u wisq anqas tiddepozita fil-Qorti s-sistema provdut lilha ghad-dgawdija taghha. Il-konvenuta fuq l-istregwa tal-principju fuq citat, ghazlet li ma thallasx il-kera pretiza ghall-perjodu li fih dak provdut lilha ma kienx jiffunzjona, u eventwalment skartatu u akkwistat sistema ohra minghand terz kif kellha kull dritt li taghmel.

**42.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell tas-socjeta` attrici, u tikkonferma s-sentenza appellata.  L-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-istess socjeta`.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------